

Il-Wieħed u Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Is 66, 18-21
Salm 116 (117), 1.2
Lhud 12, 5-7. 11-13
Lq 13, 22-30

**"Hawn min hu tal-aħħar u għad ikun l-ewwel,**
u hawn min hu tal-ewwel u għad ikun l-aħħar."

Ġesù ġie fid-dinja b'missjoni waħda u ċara: li jerġa' jgħaqqad lill-bnedmin ma' Alla għax matul iż-żmien kienu tilfu ftit triqthom. Imma tafu min kienu n-nies li l-aktar li tellfu lil Ġesù f'din il-missjoni tiegħu? Ma kinux ir-Rumani li mingħajr ħniena kienu jaħkmu fuq il-Lhud b'id tal-ħadid. Dawn għalkemm ma kinux jemmnu f'Alla, ma fittxewx li jwaqqfuh lil Ġesù. Lanqas ma kien Erodi, s-sultan tal-Lhud li kien jgħix ħajja ħażina. La kienu n-nies midinba u lanqas dawk li ma kinux jemmnu f'Alla.

Le, l-aktar nies li fixklu lil Ġesù kienu nies li jemmnu f'Alla u li ddedikaw ħajjithom għalih – il-qassisin u l-kittieba. L-aktar nies li tistenna li kellhom jifhmu lil Ġesù kienu dawk li bdew jiftehmu biex jeħilsu minnu. Kont issibhom qalb il-folol imma fejn il-biċċa l-kbira kienu jkunu attenti għal kliemu biex jitgħallmu, huma kienu hemm attenti biex isibu xi ħaġa fuqiex jgħidu kontrih.

Għalhekk, fl-Evanġelju tal-lum insibu lil Ġesù jgħid: "Hawn min hu tal-ewwel u għad ikun l-aħħar." Il-qassisin u l-kittieba kienu meqjusa l-aktar nies qaddisa fil-poplu Lhudi, dawk li xogħolhom kien li jqarrbu lill-poplu lejn Alla. Imma meta l-Iben ta' Alla sar bniedem, dawn kienu n-nies li ppruvaw jifirduh min-nies. Tgħidx kemm gidbu u ġabu lil min jigdeb. Ippruvaw fuq li ppruvaw li jwaqqgħuh għaċ-ċajt. Imma kollu kien għalxejn.

U għalhekk insibu lil Ġesù jgħid li hemm min jidher li hu minn tal-ewwel li għad ikun l-aħħar! Dawn imbagħad jgħidulu li jafuh, li kielu u xorbu miegħu, imma t-tweġiba ta' Alla tibqa': "Ma nafx mnejn intom". Kliem iebes imma tassew f'postu. Għax fil-ħajja ma' jgħoddx kemm tidher tajjeb imma kemm għemilek jixhed li inti tajjeb.

Għalhekk Ġesù jħeġġiġna biex nitħabtu ħalli ngħaddu mill-bieb id-dejjaq. Dan mhux xi bieb speċjali, imma simbolu żgħir biex jurina li fil-ħajja ma rridux nagħmlu dak li jaqblilna u li jiġina faċli. Irridu nistinkaw biex tassew inkunu tajbin.

Imma kif nistgħu nagħmlu dan? Ibda mid-dar billi tagħti daqqa t'id lill-ġenituri tiegħek. Ġib l-għaqda fost sħabek u fuq kollox sib ħin kuljum għal Alla billi titlob u tattendi f'xi għaqda li tkompli tressqek lejn Alla. Hekk inkunu fost dawk li tassew 'għad ikunu tal-ewwel.'

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

ĠERUSALEMM, BLIET, RĦULA, BIEB, DEJJAQ, KILNA, XROBNA, PJAZEZ, MEJDA, SALTNA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | M | I | R | K | P | R | Ġ | B | A |
| I | X | D | S | I | J | I | E | E | N |
| E | R | Ħ | U | L | A | T | R | R | T |
| D | O | M | I | N | Z | W | U | D | S |
| A | B | T | Z | A | E | A | S | GĦ | A |
| R | N | E | J | U | Z | N | A | B | L |
| K | A | R | A | N | IE | B | L | IE | T |
| A | M | E | J | D | A | Ż | E | B | N |
| N | D | E | J | J | A | Q | M | T | A |
| S | D | E | I | J | A | K | M | P | E |



# **"Hawn min hu tal-aħħar u għad ikun l-ewwel,**
# u hawn min hu tal-ewwel u għad ikun l-aħħar."





## OMM QADDISA

Fl-Evanġelju tal-lum smajna lil Ġesù jgħidilna li rridu ngħaddu mill-bieb id-dejjaq, jiġifieri rridu nistinkaw biex dejjem nagħmlu dak li hu tajjeb. Dan li jagħmel lill-qaddisin tant nies speċjali. Fost dawn il-qaddisin insibu lil Santa Monika, li din il-ġimgħa se nfakkru t-tifkira tagħha. Din ma kinitx xi mara magħrufa fi żmienha, jew inkella xi għalliema kbira. Monika kienet mara tad-dar u omm tassew eżemplari. Minn ċkunitha kienet Nisranija konvinta imma żżewġet lil raġel pagan. Għalkemm żewġha kien bniedem iebes u b'ħafna vizzji, Monika b'paċenzja kbira dejjem kienet hemm għall-familja tagħha. Illum nafuha għax wieħed minn uliedha kellu jkun qaddis kbir, Santu Wistin ta' Ippona, li se niċċelebraw il-festa tiegħu l-ġimgħa d-dieħla. Imma dan ma twilidx qaddis tafux! Qatta' ħafna snin minn żgħożitu 'l bogħod minn Alla u f'ħafna vizzji. Imma Monika qatt ma qatgħet qalbha. Kuljum kienet titlob għalih u taħdem biex binha jsib it-triq it-tajba. U t-talb tagħha nstema' u binha mhux biss ikkonverta, imma sar wieħed mill-qaddisin il-kbar tal-Knisja. Kien żagħżugħ mill-aktar intelliġenti u uża d-doni tiegħu biex jgħin lill-Knisja. Ommu mill-banda l-oħra saret qaddisa billi kuljum kienet tieħu paċenzja bil-familja tagħha u tgħinhom isibu t-triq it-tajba. Fl-aħħar, saħansitra rnexxielha tikkonverti lil żewgħa stess.





Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION